MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2015

Appell Civili Numru. 5/2014

**Seduta tad-29 ta' Lulju 2015**

**Appell numru: 05/2014**

**JOSEPH u EMANUELLA maghrufa bhala LILIAN, konjugi GRECH**

**Vs**

**W&M ZAMMIT TABONA LIMITED (C-723) bhala operaturi ta' Fortina SPA Resort**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza ippronunzjata mit-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur imoghtija fis-06 ta' Marzu 2014 fejn gie deciz:-

*"It-Tribunal,*

*Ra t-talba ta' Joseph u Emanuella maghrufa bhala Lilian konjugi Grechipprezentata fit-23 t'Awissu, 2013 u r-risposta tas-socjeta intimata W&M Zammit Tabona Limited ipprezentata fit-13 ta' Settembru, 2013;*

*Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u r-rapprezentanti taghhom u t-trattazzjoni taghhom maghmula fis-seduta tat-13 ta' Frar, 2014;*

*Ikkunsidra*

*Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ftehim ta' "timeshare" fejn qed jigi allegat li r-'resort' kellu u ghandu 'policy'li teskludi l-minuri minn dik il-parti tal-lukanda u konsegwentament ir-rikorrenti kellhom spiza addizzjonali biex kopja b'minuri joqghodu mar-rikorrenti;*

*Illi jinghad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima "incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat" (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet <u>"Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited" moghtija fit-13 ta' Jannar, 1999;</u>*

*Illi inoltre jinghad ukoll li hi responsabilita ta' kull persuna li se tiffirma dokument, li tezamina u tifhem l-istess dokument qabel tiffirma;*

*Illi kif gja kellu cans jikkummenta f'decizjonijiet ohra, dan it-Tribunal ihoss li ftehim ghandu jkun car u li jinftiehem minn kullmin jiffirmah;*

*Illi jigi mtenni dak enuncjat mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fid-decizjoni taghha tad-29 ta' Ottubru, 2004 u cioe: "...Kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom u ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi. Biex kuntratt jissodisfa l-vot tal-ligi jehtieg li jkun fih dawk ir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-Artikolu 966 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` l-kapacita`, il-kunsens, l-oggett u kawza lecita. Naturalment jekk billi tali kuntratt jkun qed jirrifletti l-volonta` legittimu tal-kontraenti liema volonta` hija suprema kif jixhdu r-regoli ta' interpretazzjoni li jinsabu fl-Artikolu 1002 et sequitur tal-Kap 16...."*[1]

*Illi huwa l-ftehim jew kuntratt li jiddetermina dak miftiehem bejn il-partijiet;*

*Illi huwa l-ftehim de quo (Dok EG1) hu bejn ir-rikorrenti u socjeta differenti minn dik intimata u mharrka f'dawn il-proceduri – Spa Holidays Limited;*

*Illi din is-socjeta Spa Holidays Limited mhijiex parti minn dawn il-proceduri;*

*Illi min-naha taghha, s-socjeta intimata tikkontendi li klawsola 4 tal-'Information Guide' tistipula u taghti d-dritt ghal tibdil fir-regoli u hlasijiet tal-lukanda u dan minn zmien ghal zmien;*

*Illi din il-klawsola tirreferi ghall-facilitajiet fil-lukanda u mhux ghall-kmamar u ghalhekk mhijiex applikabbli ghal din il-vertenza.*

*Illi minn naha l-ohra dan it-Tribunal hu tal-fehma li l-punti ta' natura importanti fil-ftehim originali ma jistawx jinbidlu hlief bil-kunsens taz-zewg partijiet;*

*Illi jekk kien hemm bdil fil-'policy', dan kellu jsir bil-kunsens tar-rikorenti ghax minghajr tali kunsens, il-volonta' legittimu tar-rikorrenti tkun nieqsa;*

*Illi ma giex pprezentat ebda dokument iffirmat mir-rikorrenti li jikkonferma l-kunsens taghhom jew il-possibilita tal-gharfien taghhom dwar ir-restrizzjoni fuq it-tfal meta ffirmaw il-ftehim ma' Spa Holidays Limited;*

*Illi jigi ribadit li kull konsumatur ghandu jkollu car f'mohhu ghal xiex qed jiffirma u ghalxiex se jintrabat;*

*Illi mill-provi mressqa, it-talba ghal kumpens daparti tar-rikorrenti mhijiex gustifikata;*

*Illi t-talbiet rikorrenti ma jistawx jintlaqghu fil-konfront tas-socjeta intimata imharrka f'dawn il-proceduri meta din l-istess socjeta la hi parti mill-ftehim originali li hu l-mertu ta' din il-vertenza u lanqas ingiebet prova li hi responsabbli ghal xi nuqqas fil-konfront tar-rikorrenti;*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talbiet ta' Joseph u Emanuella maghrufa bhala Lilian konjugi Grech fil-konfront tas-socjeta W&M Zammit Tabona Limited filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet as-socjeta intimata, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri."*

Minn din is-sentenza r-rikorrenti Joseph u Emanuella konjugi Grech ħassewhom aggravati u interpona l-preżenti appell fejn ilmentaw:

1. Illi it-Tribunal mar kontra l-principji tal-gustizzja naturali, u dana ghaliex il-motivazzjoni tad-decizjoni moghtija hija wahda inkoerenti u inkonsistenti.
2. It-Tribunal naqas milli josserva il-principju tal-*equality of arms* fil-proceduri quddiemu, dan meta it-Tribunal ikkonceda lis-socjeta appellata tressaq eccezzjoni ulterjuri fi stadju inoltrat tal-proceduri, meta il-gbir tal-provi kien diga inghalaq, u cioe' l-eccezzjoni li ma kenitx il-legittimu kontradittur fil-proceduri. Dan ghaliex huma imbaghad ma inghatawx zmien sufficjenti beix iressqu il-provi taghhom fir-rigward ta'l-istess eccezzjoni u it-Tribunal ibbaza d-decizjoni tieghu unikament fuq dina l-eccezzjoni.
3. Illi l-appellanti fit-talba taghhom ma kienux qed jikkontestaw l-interpretazzjoni tal-kuntratt iffirmat bejnhom u is-socjeta estera SPA Holidays Limited, izda kienu qed jikkontestaw il-*policy* tal-lukanda immexxija mis-socjeta appellata u mhux kif malament interpretat mit-Tribunal illi kien qed jigi ikkontestat il-kuntratt. Dan ghaliex l-azzjoni ma kenitx tikkoncerna il-kuntratt, izda kienet iktar prossima ghal kwistjoni delittwarja.

Illi l-appellanti isejsu l-appell minnhom interpost principalment fuq il-jedd moghti lilhom bl-artikolu 22(2)(c) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta meta jallegaw illi fid-decizjoni tieghu it-Tribunal mar kontra id-dettami tal-gustizzja naturali. Dan fuq zewg binarji, l-ewwel wahda ghaliex id-decizjoni moghtija hija wahda inkonsistenti u inkoerenti u imbaghad ghaliex huma ma inghatawx il-jedd ghal smigh xieraq u dana in konnessjoni mal-eccezzjoni ulterjuri sollevata mis-socjeta appellata li ma kenitx il-legittimu kontradittur f'dawn il-

proceduri. Dan ghaliex jishqu illi dan l-agir ippregudika gravament il-jeddijiet taghhom.

Illi huwa stabbilit illi l-principji tal-gustizzja naturali jinvolvu ukoll l-obbligu fuq min qed jiggudika li jimmotiva d-decizjoni tieghu billi jinghataw ragunijiet b'mod koerenti u konsistenti ma' dak li jkun gie premess u mal-konkluzjonijiet[1] ghaliex altrimenti s-sentenza tkun affetta minn vizzju li iwassal ghan-nullita taghha . "**Tali vizzju, hu dejjem ravvizabbli f'dik l-ipotesi fejn il-motivazzjoni tkun tonqos ghal kollox jew fejn il-motivazzjoni hi karenti sal-punt illi minnha mhux possibbli li tigi individwata r-*ratio* tad-decizjoni jew ikun maghruf l-*iter* tar-ragonament konsegwit.**[2]"

Illi l-kawża fl-ismijiet Anton Mario Sciberras vs Kummissarju tal-Pulizija deċiża mit-Tribunal ra' Reviżjoni Amministrattiva fis-26 ta' April 2012, t-Tribunal qal hekk: **"... fil-ktieb "Administrative Law" ta' H.W.R. Wade u C.F. Forsyth (10th Edition) ...jinghad illi 'the principles of natural justice do not, as yet, include any general rule that reasons should be given for decisions. Nevertheless there is a strong case to be made for the giving of reasons as an essential element of administrative justice. ... Unless the citizen can discover the reasoning behind the decision, he may be unable to tell whether it is reviewable or not, and so he may be deprived of the protection of the law. A right to reasons is therefore an indispensable part of a sound system of judicial review. Natural justice may provide the best rubric for a healthy discipline for all who exercise power over others. In the leading case the House of Lords has said that: "The reasons for a decision must be intelligible and they must be adequate. They must enable the reader to understand why the matter was decided as it was and what conclusions were reached on the 'principal important controversial issues', disclosing how any issue of law or fact was resolved. .."**

[1] Dennis Muscat et vs Vodafone – App.Inf 20.12.2013

[2] Christopher Falzon vs Noel Gauci App.Inf. 12/06/2009

Premess dan jidher allura illi huwa essenzjali sabiex ma jigux mittiefsa l-principji tal-gustizzja naturali fi kwalunkwe gudizzju, illi decizjoni tkun mhux biss wahda motivata anke jekk mhux bid-detall, izda ukoll illi tali motivazzjoni tkun wahda li taghmel sens u tirrifletti dak mitlub u d-difiza imqajma kontra tali talba. Decizjoni li tkun motivata b'kontradizzjonijiet ghalhekk hija vjolazzjoni tal-principji surriferiti, dan ghaliex ikun difficli ghal parti sokkombenti ghal gudizzju tevalwa ir-ragjonament li wassal lil gudikant ghad-decizjoni tieghu, bil-konsegwenza li anke issir difficli li ikun hemm skrutinju ta' tali decizjoni f'gudizzju ta' appell billi ma ikunx possibbli li jigu identifikati l-mottivi unici li ikunu wasslu ghal tali gudizzju. Illi l-Qorti tistqarr illi fil-gudizzju li jinsab taht l-iskrutinju taghha, hemm riflessi diversi hsibijiet li mhumiex univoci. Dan ghaliex id-decizjoni ma issegwiex linja tal-hsieb unika izda taqbez minn argument ghall-iehor minghajr ko-ordinazzjoni bejniethom. Illi ghalkemm it-Tribunal jiftah bl-esposizzjoni tal-principju tad-dritt tal-*pacta sunt servanda*, u ighid ukoll illi l-kuntratt tat-*time share* kien intlahaq bejn l-appellanti u socjeta kummercjali ohra li mhijiex imharrka fil-gudizzju, madanakollu imbaghad ikompli izid illi il-kuntratti ma jistghux jinbidlu hlief bil-kunsens taz-zewg partijiet u jaghti ragun lill-appellanti illi dan ma setax jigi varjat minghajr il-kunsens taghhom u li kwindi ghandhom ragun meta isostnu illi s-socjeta intimata ma setghetx unilateralment tiddeciedi illi iddahhal restrizzjon dwar l-accettazzjoni ta' tfal minuri fl-appartament lilhom mikri. Wara dan izda it-Tribunal ighid:

"Illi mill-provi imressqa, it-talba ghal kumpens da parti tar-rikorrenti mhijiex gustifikata"

U dan minghajr ma jaghti motivazzjoni ghajr ghal fatt illi imbaghad jistqarr fil-paragrafu li isewgi illi is-socjeta imharrka ma hijiex l-istess wahda li maghha intlahaq il-ftehim u ghalhekk hija ma tistax tkun ghalhekk responsabbli ghal xi nuqqas fil-konfront ta'l-konsumatur u kwindi ma ghandhiex twiegeb ghat-talbiet attrici.

Illi t-Tribunal ma setax jistrieh fuq tali premessa sabiex jasal ghar-rigett tat-talba attrici u dan wara illi esprima ruhu f'sens differenti fejn donnu beda' jaghti x'jifhmu lill-partijiet illi r-rikorrenti kellhom ragun jippretendu illi dak li gie pattwit ma jigix unilaterlament mibdul minghajr il-kunsens taghhom.

Il-Qorti tara illi it-Tribunal ma setax jasal ghal konkluzjoni imbaghad illi it-talba attrici kienet ingustifikata unikament ghaliex is-socjeta imharrka ma kenitx qed tihder fuq il-kuntratt tat-*time-share* bhala firmatarja. Dan ukoll ghaliex mill-atti ma jirrizultax illi s-socjeta intimata qatt issollevat formalment l-eccezzjoni illi hija ma kenitx il-legittimu kontradittur fil-proceduri u dan la fil-bidu tal-kawza, la fil-mori taghha u wisq anqas lejn tmiemha. Kien biss fil-kors tat-trattazzjoni orali li saret mid-difensuri fl-ahhar seduta illi s-socjeta intimata issollevat tali difiza (liema eccezzjoni lanqas ma giet verbalizzata) u dan ghalhekk fih innifsu ma setax hlief kien element ta' sorpriza ghal kontro-parti li dejjem iddefendiet it-talba taghha fuq binarju legali differenti. Gustament allura l-appellanti jissottomettu fit-tieni impunjattiva illi huma ma inghatawx l-opportunita jilqghu ghal tali difiza. Illi fil-fatt mill-atti probatorji ma jirrizultax illi hemm xi provi in konnessjoni ma' tali eccezzjoni, li jerga' jinghad ma tirrizulta minn imkien fl-atti. Per ezempju ma hemmx prova li tindika x'rapport guridiku hemm bejn is-socjeta firmatarja tal-kuntratt u cioe' Spa Holidays Limited u is-socjeta intimata bhala is-socjeta li kienet ser toffri is-servizz inkorporat fil-ftehim. Fuq kollox il-kuntratt kien jitratta d-dritt:

"to purchase a unit at the resort every year. ... the resort is situated within the Hotel Fortina."

Illi di piu' fil-korrispondenza li issegwi l-appellanti qatt ma jinghataw x'jifhmu illi l-ilment taghhom kellu jigi indirizzat band'ohra u mhux lejn is-socjeta

intimata. Fil-fatt f'ittra datata 23 ta' April 2013, Cheryl Jordan, fil-kariga ta' Executive Secretary mal-Fortel Group of Companies li fost affarijiet ohra tagixxi ghan-nom ta' Spa Holidays Limited u tiggestixxi il-Fortina Spa Resort u il-Hotel Fortina, tidderigi lil-appellanti b'dan il-mod:

"*.... Kindly note that a reply will not be sent from Mr. Richard Alden's Office* (li jokkupa il-kariga ta' Project Director fil-Fortina Spa Resort), *as the issue is a contractual one which therefore concerns the Hotel*."

Illi t-Tribunal ghalhekk kellu jara, ghalkemm bil-ligi ma huwiex marbut bir-rigur procedurali u l-fomalizmu zejjed, illi l-ewwel u qabel kollox, l-eccezzjoni tigi formalment issollevata u imbaghad, li l-kontro-parti tinghata l-opportunita li tirregola l-provi taghha ukoll fuq dina l-linja difenzjonali. Illi tali difiza li tista' twassal ghar-rigett tat-talba attrici, kif fil-fatt sehh, ma setghetx titqajjem biss fi stadju ta' trattazzjoni orali minghajr lanqas biss tigi registrata fl-atti. Fil-fatt il-Qorti tistqarr illi ghalkemm fliet l-atti processwali, ma setghetx issib fejn dina l-eccezzjoni tqajjmet, u kien biss fir-risposta ta'l-appell illi intebhet illi tali difiza issemmiet fil-kors tat-trattazzjoni orali u ma tinstab imkien fl-atti. Illi tali nuqqas ma setax hlief isarraf fi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali. Dan ghaliex fl-ewwel lok l-appellanti gew rinfaccjati b'difiza gdida fl-ahhar mumenti tal-kawza minghajr ma inghataw l-opportunita jikkontrobattu b'mod adegwat tali eccezzjoni u di piu din id-difiza kienet il-bazi li wasslet lit-Tribunal ghad-decizjoni illi jirrigetta t-talba taghhom. Dan ghalhekk issarraf fi pregudizzju irrimeddjabbli ghalihom, iktar u iktar meta t-Tribunal gharaf fid-decizjoni tieghu l-jedd taghhom illi ma ikunx hemm bdil fil-kundizzjonijiet originali tat-*time-share* u dan minghajr l-kunsens taghhom ghaliex dan jista' ifisser biss ksur tal-jeddijiet taghhom bhala konsumaturi. Kwindi dina l-Qorti hija tal-fehma illi l-appellanti ghandhom ragun fl-ewwel zewg aggravvji imressqa minnhom.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Austin Gonzi vs Malta Drydocks Corporation (deciza 27/10/2004) jinghad: "**Fl-ordinament guridiku bhal taghna it-tutela tal-jeddijiet fundamentali bazat ukoll fuq il-principji ta' gustizzja naturali tantecedi l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni b' hafna u hafna decenni u spiss taghti kopertura aktar u aktar komprensiva lil dawn il-jeddijiet. Ara "Grazio Tabone et - vs- LAvukat Generali tar-Repubblika", Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Lulju 2000; Hekk jinsab assodat fi skorta ta' decizjonijiet illi bordijiet u tribunali li jkollhom attribuzzjonijiet u funzjonijiet decizjonali ma jistghux, fl-espletament ta' dawk l-istess attribuzzjonijiet u funzjonijiet, jinjoraw il-principji bazici ta' gustizzja naturali. Ghall-kuntrarju, hu anzi mistenni minnhom li jirrispettaw dawn l-istess principji li, proprju ghax fundamentali, jintitolaw lil kull parti fil-procediment li jkollha l-opportunita` li tiddefendi l-kaz taghha u taghmel is-sottomissjonijiet kollha taghha. Ara f' dan is-sens decizjonijiet riportati a Vol. XXXII P II p 350; Vol. XXXIII P I p 648 u Vol. XXXVII P II p 675, fost ohrajn; Ta' min isemmi wkoll illi l-opportunita` tad-difiza pjena, anke jekk dan mhux precizat b' mod kategoriku u dirett fl-accennati sentenzi, tinkorpora fiha l-principju daqstant iehor importanti ta' l-hekk definit "equality of arms". Principju dan illum sew stratifikat fi procedimenti ta' indole kostituzzjonali u konvenzjonali.**"

Dan ghaliex ghall-iskop li jkun accertat jekk fil-kaz partikolari jezistux il-ksur allegat, wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni l-argomenti li fuqhom hi mibnija d-decizjoni u jistabilixxi jekk il-partijiet inghatawx il-possibilita` li jiddiskutu fatti u cirkostanzi li minnhom evolviet ir-*ratio decidendi* tas-sentenza, u eventwalment jekk kienx hemm elementi li jillustraw konvinciment divers.

Dan evidentement ma sehhx u kwindi l-appellanti ghandhom ragun fil-lanjanza minnhom imressqa 'il quddiem f'dan l-appell.

Illi stabbilit ghalhekk illi t-Tribunal ma setax jistrieh fuq id-difiza imressqa mis-socjeta intimata billi din mill-atti tirrizulta illi qatt ma giet sollevata formalment,

kwindi jifdal allura biex jigi stabbilit jekk l-appellanti ghandhomx ragun fl-ilment taghhom. Illi ghalkemm huwa minnu illi l-appellanti iffirmaw kuntratt mas-socjeta Spa Holidays Limited, madanakollu hija is-socjeta intimata li accettat li tipprovdi is-servizz lill-appellanti u kwindi taqa' taht id-definizzjoni ta' "kummercjant" kif imfissra fil-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan is-sens, allura il-qrati taghna dejjem fissru illi dak li ghandu jirregola ir-relazzjoni bejn il-partijiet hija l-bwona fede li ghandha tigi osservata mill-venditur fil-konfront tal-klijent tieghu.

**"Kull ma jghaddi z-zmien, specjalment in materja ta' drittijiet ghall-protezzjoni tal-konsumaturi, jassumi riljev aktar deciziv l-obbligu tal-venditur jew prestatur ta' servizzi li jforni lill-konsumatur l-informazzjoni kollha pertinenti ghall-oggett komprat jew tas-servizz offert. Dan jirrientra fl-ambitu ta' dak id-dover ta' lealta` versu l-konsumatur ta' l-oggett jew tas-servizz u dak tat-tutela ta' l-interessi tieghu fil-formazzjoni tal-kuntratt. Jekk xejn, ghall-qaghda ta' parita` bejniethom. Hu proprju f'dan is-sens illi, fil-hsieb tal-Qorti, il-"bwona fede" ghandha tkun ekwiparata ghal dik l-ekwita` kontrattwali; App.Inf. Pia Grech vs Mondial Travel 07/11/2008**

Meta applikat dan il-principju ghal kaz in dizamina dina l-Qorti tara illi l-appellanti *qua* konsumaturi kellhom jigu avzati immedjatament minn naha tas-socjeta intimata dwar bdil fil-*policy* tal-lukanda u li dan seta' jaffettwa dak pattwit fil-kuntratt tat-*time-share* u cioe' il-jedd li huma igawdu l-appartament minnhom akkwistat mal-familjari taghhom li kienu jinkludu tfal minuri. Billi kienet l-istess socjeta intimata li kienet qed toffri is-servizz indikat f'dak il-kuntratt, u billi kienet l-istess socjeta li imponiet fil-*policy* taghha l-eskluzjoni tat-tfal minuri mir-Resort fil-jiem li fihom l-appellanti kellhom igawdu l-appartament, hija kienet fid-dmir illi toffri soluzzjoni alternattiva minghajr ebda hlas ulterjuri bhala konsegwenza tal-bdil tal-*policies* taghhom u mhux tippretendi li tahrab minn dana l-obbligu billi tistahba wara l-fatt illi hija ma kenitx firmatarja tal-kuntratt tat-*time-share* milhuq mas-socjeta Spa Holiday

Limited. Fuq kollox hija ma ressqitx l-icken prova biex tindika id-distinzjoni li hemm bejn iz-zewg socjetajiet u li din ma tagixxiex ghan-nom ta'l-istess.

Maghdud dan kollu ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi ghandha titbieghed minn dak deciz mit-Tribunal billi tali decizjoni tmur lil hinn mhux biss mill-principji tal-gustizzja naturali izda ukoll mill-jeddijiet tal-konsumatur li ghandu jircevi kwalunkwe informazzjoni li tista' b'xi mod ikollha effett fuq l-akkwist minnu maghmul jew is-servizz lilu ipprovdut u li fuq kollox hallas ghalih.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh u id-decizjoni appellata irrevokata u bis-setgha moghti lilha bl-artikolu 22(4) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta appellata thallas lill-appellanti is-somma €350. L-ispejjez taz-zewg istanzi ikunu ghak-karigu tas-socjeta appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------